Kunsill Lokali Ħal Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT- TLIETA u ĦAMSIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar 2015

**Ħin:** Mill-4pm sal-5.03 pm

**Preżenti:** It-Tabib J. Zammit Montebello
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt
Is-Sur Guido Borg (Skuzat)

Il-Kunsillier Guido Borg informa lis-Segretarju Eżekuttiv li huwa jinsab indispost għax ma jiflaħx u mhux ser jattendi l-laqgħa

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tnejn u Ħamsin laqgħa ta' nhar it-Tlieta 23 ta' Diċembru 2014. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Joe Galea. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

2. **Mill-Minuti**

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi fuq l-*overgrown trees.*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma li għall-aħħar ta' Jannar ser isir dan ix-xogħol.

3. **Korrispondenza u Ilmenti**

**Ittra Nru. 4571**: Ittra mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali fuq l-allokazzjoni finanzjarja 2015 li tammonta għas-somma ta' € 257,557.

**Ittra Nru 4572**: Email mingħand id-Dipartiment għal Gvern Lokali fejn infurmawna li mill-allokazzjoni ser jinqatgħu € 457 għax kien hemm kont pendenti lill-MITA.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurma lill-Kunsill li dan mhux minnu għax kien tħallas kollox u kiteb lura d-Dipartiment fejn ingħataw il-provi ta’ dan u esiġa li din tiġi ratifikata minnfih.

**Ittra Nru 4573**: Email li ntbgħatet lill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara biex il-Kunsill jorganizza attivita’ għal dawk interessati fil-crafts.

Il-Kunsill filwaqt li jaqbel li jsiru dawn it-tip ta’ attivitajiet, talab lis-Sur Zammit Marmara biex jieħu feedback ta’ kemm nies huma interessati li jieħdu sehem għaliex inutli li torganizza xi ħaga u ma jkunx hemm rispons għaliha.

**Ittra Nru 4574**: Skema Proġetti Kapitali. Il-Kunsill ser jipproponi li jinbena Civic Centre ġewwa Ħal Balzan u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jibda l-proċess tal-applikazzjoni.

Dwar korrispondenza li rċieva l-Kunsill f’dan il-perjodu l-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri li ntbagħtu u qabel li jkompli jsegwi l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

Dwar l-ilmenti l-oħra li rċieva l-kunsill f’dan il-perjodu l-Kunsill ġie infurmat illi dawn ġew ikkunsidrati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjon ta’ kull min ippreżenta l-ilment.

## 4 Aġġudikazzjoni tat- Tender BLC 6/14- *Collection of Mixed Household Waste*

Wara li fl-aħħar laqgħa, l-Viċi Sindku, is-Sur Joe Galea kien ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-aħjar offerta li għandu quddiemu l-Kunsill li hija ta’ Waste Collection Ltd hu kellu f’idejħ informazzjoni li ġewwa ż-Zejtun din il-kumpanija li għandha kuntratt simili mal-Kunsill Lokali ta’ hemmhekk twaqqaf milli jkompli dan ix-xogħol minħabba servizz ħazin li kien qed jingħata, is-Segretarju Ezekuttiv poġġa estratt mill-minuti 11 tal- Ħamis, 6 ta’ Novembru 2014 tal-Kunsill taż-Żejtun fejn juri li dawn il-problemi veru inqalgħu u kien hemm kunsens bejn Waste Collection Ltd u l-Kunsill li dan is-servizz jieqaf.

Is-Sindku staqsa x’differenza hemm fil-prezz bejn l-aħjar offerenti u dak tat-tieni l-aħjar offerta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-differenza hi ta’ € 43,160 fuq medda ta’ erbgħa snin.

Is-Sindku kien qed jipproponi li l-kuntratt jingħata lill-Waste Collection Ltd bi prova ta’ tlett xhur, għandha ssir laqgħa mal-kumpanija fejn jiġu mgħarrfa li jekk is-servizz ikun ħazin, il-Kunsill ser iwaqqaf il-kuntratt tagħhom minnufih.

Il-Kunsill approva unanimament din il-proposta u approva li jingħata l-kuntratt lil Waste Collection Ltd bi *probation* ta’ tlett xhur.

## 5. Estimi għas- Sena 2015

L-Estimi *draft* għas-sena finanzjarja 2015 tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill (mehmuża). Kopja ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv irrisponda xi mistoqsijiet tal-Kunsilliera. L-estimi, kif kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sindku li kien issekondat mill-Viċi Sindku. L-estimi

ġew approvati unanimament u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jagħmel l-emendi neċessarji u jipprezenta kopja fil-*format* formali skont ir-regolamenti biex tiġi ffirmata waqt l-laqgħa li jmiss.

**6. <u>Rapporti ta' l-Effiċjenża tas-Segretarju Ezekuttiv u l-Impjeġati tal-Kunsill</u>**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2014 fir-rigward tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sur Mark Mallia. Tqiegħdu wkoll fuq il-mejda tal-Kunsill, estratti mill-avviż legali 127 tal-1998 (artiklu 19) u minn avviz legali 64 tal-2001 (artiklu 3). Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv. F'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv kien skuzat mil-laqgħa u ħareġ mill-kamra. Il-Kunsill iddiskuta l-materja u talab lis-Segretarju Eżekuttiv jerġà jidħol fil-kamra. Is-Sindku informa lis-Segretarju Eżekuttiv illi l-Kunsill unanimament approva performance bonus ta' 10% tas-salarju. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lill-Kunsill.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu r-rapporti tal-Effiċjenza għas-sena 2014 fir-rigward tal-impjegati tal-Kunsill, s-Sinjura M. Casha u s-Sinjorina D. Farrugia. Tqiegħdu wkoll fuq il-mejda tal-Kunsill, estratti mill-avviż legali 127 ta' l-1998 (artiklu 19) u minn avviz legali 64 ta' l-2001 (artiklu 3). Il-Kunsill unanimament approva li s-Sna M. Casha tingħata performance bonus ta' 6% tas-salarju tagħha filwaqt li s-Sna D. Farrugia tingħata performance bonus ta' 6% tas-salarju tagħha.

**7. <u>Jum Ħal Balzan u Ġieħ Ħal Balzan</u>**

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara kien qed iressaq proponiment għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill li fid-dawl tal-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali fil-11 ta' April 2015, ikun xieraq u f'waqtu li Jum Ħal Balzan u Ġieħ Ħal Balzan tiġi posposta għal Ġunju u b'hekk ikun il-kunsillier l-ġdid responsabbli mill-kultura li jorganizza din l-attivita'

Il-Kunsill b'mod unanimu approva din il-proposta tal-Kunsillier Desmond Zammit Marmara'

**8. <u>Komunikazzjoni tas-Sindku</u>**

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu bilanċ favorevoli l-bank ta' € 153,000 u xgħolijiet sal-aħħar tal-leġislatura li hemm pendenti huma l-bdil tad-dawl ornamentali fil-village core, proġett iffinanzjat mill-UIF u qed jittama li dawn jitwaħħlu sal-aħħar ta' Marzu, kif ukoll asfaltar ta' Triq Idmejda jekk il-finanzi jippermettu wara li jitlesta rapport tekniku mill-perit.

Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li mill-fondi tal-ERDF 205, il-Kunsill għad baqa' jieħu € 20,000 ko-finanzjament u dan wara li jitlesta r-rapport finali mill-managing authority, PPCD.

Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-Ġimgħa 23 ta' Jannar 2015 ser toħroġ is-sejħa għal kiri ta' post alternattiv għal Kunsill.

Is-Sindku qal li issa li waslu l-elezzjonijiet huwa qed jesiġi li kull ilment li jkollhom il-Kunsilliera dan jiġi mgħoddi lis-Segretarju Ezekuttiv biex jieħu l-azzjonijiet neċessarji.

Is-Sindku fl-aħħar xtaq jirringrazzja lill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' tar-*write u*p li għamel fuqu fl-aħħar ħarga tan-Newsletter.

**9. <u>Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>**

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' ressaq ilment ta' resident li joqgħod Sisner Street biex isiru parking bays.

Is-Sindku wieġeb li fid-dawl tal-proposta għal *one way* li qegħda quddiem Transport Malta għall-approvazzjoni għalissa ma jistghux isiru. Huwa talab lis-Segretarju biex ikellem lill-perit tal-Kunsill biex jagħmel pressjoni ma' l-awtorita' u tingħata risposta.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' ressaq ilment ta' residenta li toqgħod Sisner Street biex isir reserved parking quddiem id-dar tagħha.

Is-Segretarju wieġeb li biex Transport Malta tikkunsidra din it-talba, irid ikollha f'idejha *blue sticker* kif ukoll trid issir applikazzjoni ma' Transport Malta. La darba din l-applikazzjoni tiġi quddiem il-Kunsill għal approvazzjoni, wara din tkun tista' ssir mill-awtorita'.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' ressaq ilment ta' resident li joqgħod Triq San Rokku biex isir infurzar mill-wardens peress li qed jipparkjaw fuq il-yellow lines.

Il-Kunsill ser jieħu azzjoni.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' ressaq ilment ta' residenta li toqgħod Triq Sir Antonio Micallef biex jitwaħħlu compost bins.

Il-Kunsill diġa qed joffri s-servizz ta' ġbir tal-*green waste* kull nhar ta' Sibt.

Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara' ressaq suġġeriment ta' xi residenti biex jitwaħħlu *doggy bins* ġewwa Pjazza Bertu Fenech kif ukoll fl-area ta' ħdejn Triq Sir Antonio Micallef.

Il-Kunsillier Stephen Gatt ta xi dettalji fuq il-laqgħa li kellu mad-Drug Squad fuq xi problemi li jista' jkun hemm fil-lokalita' kif ukoll fuq il-laqgħa tal-kumitat Reġjun fejn ser jingħataw aktar devoluzzjoni ta' fondi lill-Kunsilli li jaqgħu taħt dan ir-Reġjun.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 11 ta' Frar 2015 fl-5.30pm.

**Dr. John Zammit Montebello**
Sindku

**Mark Mallia**
Segretarju Ezekuttiv

Data